MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 825/2010

**Vodafone Malta Limited
C-10865**

**vs**

**Joseph Meliaq
I.D. 306782(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sitt mija u sittax-il Ewro u sitta u sebghin centezmu (€616.76), rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti pprovduti lill-istess konvenut abbazi ta' ftehim bejn il-kondendenti, skond id-dokumenti annessi mal-Avviz ta' talba mmarkati bhala Dok A, Dok B u Dok C.

Il-konvenut interpellat diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv, izda baqa' inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 2429/10 u bl-imghax legali mid-data ta' dan l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitt mija u sittax-il Ewro u sitta u sebghin centezmu (€616.76), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------